

# Il-Knisja tal-Vitorja f'Birkirkara



**Mario Fenech**

Il-Knisja tal-Vitorja f'Birkirkara tinsab fil-parti tar-raħal magħrufa bħala ta' Ħas-Sajjied. Toroq antiki u sqaqien jiffurmaw ġabra ta' djar żgħar li kienu jabitaw fihom il-familji ta' numru ta' sajjieda li mhux biss kienu msieħba fil-Fratellanza ta' Sant'Andrija mwaqqfa fil-Kolleġġjata Elenjana fuq l-Altar tal-istess Qaddis, iżda wkoll jersqu spiss lejn din il-Knisja ddedikata lit-Twelid tal-Madonna li kienet tant għal qalbhom.

Nafu li din il-Knisja kienet diġà mwaqqfa fis-sena 1615 meta kien żar lir-raħal l-Isqof Cagliares. L-Istoriku Achille Ferris fil-kitba tiegħu jgħid li din kienet knisja "antichissima".

Meta kien qiegħed jagħmel il-vista pastorali tiegħu fir-raħal l-Isqof Balaguer fl-1659 huwa sab li din ma tantx kienet fi stat tajjeb u ordna li tiġi pprofanata. Waqt l-imxija tal-Pesta tas-sena 1676 xi nies tal-inħawi mmexxija minn Pietru Buhagiar u Ġamri Micallef ħadu ħsieb li jirranġaw il-knisja u jifthuha mill-ġdid. Dan għamluh pemezz ta' kitba li saret quddiem in-Nutar Beneditt Vassallo fejn għamlu tajjeb bejniethom għall-ispiża meħtieġa li kienet tlaħħaq is-somma ta' 55 uqija.



Il-Knisja tal-Vitorja f'Ħas-Sajjied Birkirkara

Wara li ġabu l-kunsens tal-Isqof u tal-Vigarju li dak iż-żmien kien Dun Ġwann Patist Zarb, ġie mibdi x-xogħol tar-restawr u fi żmien qasir il-knisja ġiet imbierka u nfetħet mill-ġdid. Jidher li n-nies tal-inħawi li kienu jieħdu ħsiebha sew u tissemma fir-rapport tal-vista pastorali tal-Isqof Canaves fis-sena 1716.

Maż-żmien bdiet tinħass il-ħtieġa li din il-knisja tinħatt u tinbena mill-ġdid. Għal dan l-għan il-Prokuratur tal-Knisja Dun Karlu Feliċi talab lill-Gran Mastru biex jingħata biċċa art għall-bini mill-ġdid tal-knisja.

L-art ġiet mogħtija b'kuntratt nhar is-16 ta' Mejju 1724. Tlestiet mill-bini fis-sena 1736 b'arkitettura ħelwa b'koppla li tgħatti s-saqaf kollu.

L-Altar tal-Knisja huwa tal-irħam u sar fis-sena 1768 mill-marmista Toni Nicolas għas-S.S.M.U. Salvatur.

F'niċċa fil-ħajt tan-naħa tax-xellug tal-altar tinżamm l-Istatwa ta' Marija Bambina. Din saret mill-Istatwarju Ġużeppi Cilia li kien alliev ta' Karlu Darmanin. Waqt il-jum tal-festa l-istatwa tintrama taħt pavaljun tal-bellus b'kuruna fuqu.

Fis-sena 1895 ġie mibni l-kampnar bil-flus ta' Pawlu Borg. Fih illum hemm erba' qniepen. Il-kbira saret fl-1965 mid-ditta "Pacard", żewġ qniepen li saru mid-ditta "Taylor", filwaqt li l-aktar waħda antika minn dawn l-erba' qniepen saret fis-sena 1909.

Mal-faċċata tal-knisja hemm plakka li tfakkar id-Digriet tal-Papa Benedettu IX tat-23 ta' Frar 1918 fejn qiegħed jagħti 200 jum ta' indulġenza lil kull min jidħol jitlob f'din il-knisja.

Iċ-ċerimonja tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja saret fis-sena 1944 u ftit taż-żmien ilu ġiet akkwistata dar żgħira warajha li llum qiegħda sservi ta' sagristija.

Fl-istess wesgħa ta' quddiem il-knisja hemm dar li mal-faċċata tagħha għandha l-arma tal-Isqof Tommaso Gargallo. Fiha kien iqatta' l-jiem tal-villeġġjatura tiegħu.

Il-knisja tintuża regolarment, tinżamm fi stat tajjeb ħafna u ssir il-festa fl-ewwel Ħadd fuq it-8 ta' Settembru.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.